MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 1219/2010

**Melita plc (C-12715)**
**Vs**
**Noel Zammit (K.I. 132565M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob l-ammont ta' tlett mija, tnejn u ghoxrin ewro w sebgha u ghoxrin centezmi (€322.27) rapprezentanti bilanc ta' prezz ghal servizz ta' internet, telefonija fissa u televizjoni fil-fond "Jesmar", Triq il-Hut, Marsascala u dan skont l-i*statement* tal-kont numru 603905 liema dokument qed jigi mmarkaat Dok. "B"; illi minkejja li l-konvenut gie diversi drabi nterpellat sabiex ihallas, dan baqa' inadempjenti; bl-imghaxijiet skont il-ligi; bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni nkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1173/10 tas-sbatax (17) ta' Mejju, 2010.

Ra r-risposta tal- konvenut li qed jichad kategorikament il-fatti kif esposti mis-socjeta' attrici fit-talba taghha; illi huwa veru li l-konvenut flimkien mal-mara tieghu ordnaw servizzi ta' internet, telefonija fissa u televizjoni izda s-

servizz provdut mis-socjeta' attrici ma kienx dak miftiehem bejn il-partijiet tant li sa minn gimgha wara twahhal is-servizz, il-konvenuti talbu li dan jitnehha w wara li l-istess konvenuti taw zmien adegwat sabiex is-socjeta' attrici jkollha c-cans li tipprovdi s-servizzi skont kif kien miftiehem mar-rapprezentanti taghha; illi tant l-konvenut u l-mara tieghu ma kienux sodisfatti bis-servizz li lanqas il-kuntratt tas-socjeta' attrici li solitament jigi iffirmat minn kull minn jordna s-servizzi taghha, ma gie ffirmat; salv eccezzjonijiet ulterjuri; ghaldaqstant il-konvenut jirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta' attrici u jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex tichad it-talbiet kollha taghha.

Sema' x-xhieda ta' Leanne Buhagiar, ghas-socjeta attrici, u tal-konvenut Noel Zammit u l-mara tieghu, Marika Zammit;

Ra l-atti kollha w d-dokumenti kollha li gew esebiti;

Ra l-verbal tas-seduta ta' nhar il-15 ta Novembru 2011 li bih il-kawza thalliet ghal-lum, ghas-sentenza;

Is-socjeta' attrici qieghda titlob il-hlas tas-servizzi provduti lill-konvenut tal-internet, televizjoni u telefown. Il-konvenut min-naha tieghu qieghed jikkontesta dan il-hlas ghaliex jghid li m'inghatax is-servizzi li sar ftehim dwarhom u kien sahansitra talab illi dawn jitnehhew.

It-Tribunal ra x-xhieda ta' Leanne Buhagiar rapprezentanta tas-socjeta attrici li spjegat li l-konvenut kien ordna erba' servizzi *ossia* l-internet, telefown u televizjoni w anke servizz tal-mowbajl. Fil-kaz tal-mowbajl, pero, l-konvenut ma kienx accetta il-mowbajl provdut u ghalhekk ma saritx talba ghall-pagament f'dak li jirrigwarda l-mowbajl. Ix-xhud ipprezentat kuntratt iffirmat minn Marika Zammit. Is-servizz gie nstallat fis-27 ta' April, 2009 u baqa' jintuza sal-5 ta' Novembru, meta s-socjeta' attrici tfiet is-servizzi minhabba nuqqas ta' hlas. Il-kont pendenti sa dakinhar u cioe' x-xahar li nqata' s-servizz minhabba nuqqas ta' hlas kien ta' tliet mija, tnejn u ghoxrin ewro u sebgha' u ghoxrin centezmu (€322.27). Il-konvenut ma giex iccargjat ghall-hlasijiet ta' terminazzjoni.

Ix-xhud ikkonfermat li kienet saret telefonata fil-15 ta’ Lulju 2009 lis-socjeta’ attrici li kien hemm il-hsara. Skont ir-rekords tax-xhud ukoll, s-servizz baqa’ jintuza sa Awwissu 2009.

Ra x-xhieda ta’ Noel Zammit li ddikjara li kien cempel lis-socjeta’ attrici biex jiehu offerta li kienet t’ erba’ servizzi. Hu kien informa lis-socjeta’ attrici illi xtaq izomm l-istess numru tat-telefown tal-linja fissa w s-settijiet tat-telefown li kienu tlieta kellhom jibqghu fejn kienu. Skont il-konvenut is-socjeta’ attrici kienet weghdet li ser taghmel dan. Wara tlett t’ijiem, l-impjegati tas-socjeta’ attrici, gew  jinstallaw is-servizzi.  Mill-ewwel, pero, l-konvenut ma kienx kuntent mix-xoghol li ghamlu.  Kien ukoll cempel biex jitlob li jinghata l-kumplament tas-servizz kif miftiehem. Hu ddikjara illi lanqas biss kien jaf li tawh il-linja tat-telefon, infatti kien baqa’ jhallas il-kont tat-telefown li kellu mal-kumpanija Go Mobile.  Fir-rigward tal-mowbajl kienu weghduh mitt minuta b’xejn pero il-mowbajl qatt ma wasal.

Il-mara ta’ Noel Zammit ikkonfermat dak li nqtal mir-ragel taghha pero’ kien hemm inkonsistenzi bejniethom f’dak li jirrigwarda il-ftehim u l-linja fissa.  Ikkonfermat  li ffirmat il-kuntratt u qalet li ma nghatatx l-opportunita’ li taqra il-kundizzjonijiet. Stqarret li l-linja fissa tat-telefown kienet giet installata fl-istudju pero’ kontra dak li kienu ftehmu mas-socjeta’ attrici nghataw numru differenti.  Minkejja diversi settijiet tat-telefown dawn installaw wiehed biss. Hi ddikjarat li qatt ma nghataw il-pakkett komplut u ghalhekk skont ix-xhud, ir-ragel kien ikkancella kollox. Is-socjeta’ attrici kienet damet xhur shah biex nehhiet is-servizzi.  Hi ddikjarat illi in-numru tat-telefown, li kien wiehed gdid, ma ntuzax.

It-Tribunal jhoss li fil-kawza odjerna ghalkemm kien hemm inkonsistenzi fix-xhieda tal-konvenut u l-mara tieghu, is-socjeta’ attrici ghamlet diversi zbalji specjalment f’dak li jirrigwarda servizz lill-konsumatur.  Is-socjeta’ attrici kellha fl-ewwel lok tispjega ezatt kif kienu ser jinstallaw is-servizzi, inkluz specjalment it-talbiet li kien ghamel il-konvenut fil-kaz tat-telefown bil-linja fissa.  Is-socjeta’

attrici naqset ukoll meta ma pprovditx il-mowbajl skont il-ftehim. Fil-fatt dokument “LB1” (a fol 20 tal-process) juri illi kien hemm ftehim ghall-mowbajl u dan (ghal xi raguni jew ohra) ma giex ipprovdut. It-Tribunal jhoss illi jekk socjeta’ tipprovdi kuntratt standard hi jkollha vantagg fuq il-konsumatur li ma jkunx familijari mat-termini ghalhekk ghandha d-dover li tispjega lill-klijenti taghha certi klawsoli sinjifikattivi. Anke meta l-konvenut cempel biex jikkancella s-servizzi, s-socjeta attrici kellha tinforma lill-konvenut illi skont il-kuntratt, klawsola 8, telefonata ma kinitx bizejjed.

Mill-provi jirrizulta illi fil-kaz tal-linja fissa tat-telefon kien hemm uzu minimu ta’ dan is-servizz. Filwqat illi fil-kaz tas-servizzi tal-internet u televixin ma giex ikkuntestat illi ma kienux qieghdin jaghmlu uzu minnu.

Ghal dawn il-motivi, *arbitrio boni viri*, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici *in parte* u jichad l-eccezjonijiet tal-konvenuti barra mit-tieni eccezzjoni fis-sens illi t-Tribunal jaqbel li s-servizzi ma kienux skont il-ftehim bejn il-partijiet. Ghaldaqstant jikkundana lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mitejn u hmistax-il ewro (€215) biss,bl-ispejjez jithallsu f’ammonti ugwali mill-partijiet..

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------